



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11674/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0151(NLE)

ECOFIN 772
UEM 188
FIN 637
CADREFIN 116

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-
valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Ġermanja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Ġermanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) mill-Ġermanja fit-28 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”)². Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata fl-14 ta’ Frar 2023³ u fit-8 ta’ Diċembru 2023⁴.
- (2) Fit-30 ta’ April 2024, il-Ġermanja ppreżentat RRP nazzjonali emendat, inkluż kapitolu tar-REPowerEU f’konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (3) Fit-30 ta’ April 2024, il-Ġermanja għamlet ukoll talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, il-Ġermanja ppreżentat RRP emendat. Il-preżentazzjoni tal-RRP emendat, li tinkludi l-kapitolu tar-REPowerEU, segwiet proċess ta’ konsultazzjoni, imwettaq f’konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali emendat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP emendat, f’konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta’ dak ir-Regolament.

² Ara d-dokumenti ST 10158/21 u ST 10158/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokument ST 536/23 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokument 15572/23 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (4) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Ġermanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw tmien miżuri.
- (5) Il-Ġermanja spjegat li żewġ miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien mogħtija għall-implimentazzjoni minħabba nuqqas ta' persunal tal-IT b'ħiliet speċjalizzati. In-nuqqas ta' professjonisti tal-IT żdied b'mod sinifikanti wara l-pandemija tal-COVID-19 sa tmien l-2022. Iż-żieda fid-domanda għall-professjonisti tal-IT f'diversi setturi wasslet għal żieda fil-kompetizzjoni tal-impjegaturi u ppreżentat sfida għall-fornituri tal-IT biex jespandu s-servizzi. Dan jikkonċerna l-mira 102 tal-investiment 5.1.2 (Programm għal sptarjiet li jibqgħu validi fil-futur) taħt il-komponent 5.1 (Tisħiħ ta' sistema tas-saħħa reżiljenti għall-pandemija) u l-mira 113 tar-riforma 6.1.2 (Diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni — implimentazzjoni tal-Att dwar l-Aċċess Online) taħt il-komponent 6.1 (Amministrazzjoni pubblika moderna). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-mira 102 tiġi estiża, li l-mira 113 tiġi emendata, u li mira ġdida 113A tiżdied sabiex tipposponi l-parti li ma għadhiex tista' tinkiseb sal-iskadenza tal-implimentazzjoni partikolari. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-Ġermanja spjegat li mira waħda ma għadhiex tista' tinkiseb fl-iskeda ta' żmien mogħtija għall-implimentazzjoni minħabba żieda fir-rekwiżiti tas-sigurtà tal-IT relatati mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dan jikkonċerna l-mira 85 tal-investiment 3.1.4 (Modernizzazzjoni tal-faċilitajiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Forzi Armati Federali) taħt il-komponent 3.1 (Diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-mira 85 tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (7) Il-Ġermanja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb parzjalment minħabba domanda aktar baxxa milli mistenni għal appoġġ minħabba s-sitwazzjoni mtejbja tas-suq tal-apprendistat u l-appoġġ mhux mistenni għall-apprendistat ipprovdut mis-settur privat innifsu. Dan jikkonċerna l-mira 91 tal-investment 4.1.3 (Appoġġ għall-apprendistati) taħt il-komponent 4.1 (Tisħiħ tal-inklużjoni soċjali). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-mira tal-iżborż 91 u l-kost tal-miżura jitnaqqsu. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (8) Il-Ġermanja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb parzjalment minħabba d-dewmien fil-pubblikazzjoni tar-regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali ta' sistema teknika għall-iskambju awtomatizzat ta' evidenza bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti li għandu jiġi adottat f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. Kellha tinħoloq ukoll arkitettura ġdida tal-IT mal-pajjiż kollu biex tiġi żviluppata infrastruttura adegwata tal-IT. Dan jikkonċerna l-miri 115 u 116 tar-riforma 6.1.3 (Diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni — modernizzazzjoni tar-reġistri) taħt il-komponent 6.1 (Amministrazzjoni pubblika moderna). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li tl-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni għall-miri 115 u 116 tiġi estiża, u li l-mira 116 tiġi mmodifikata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

- (9) Il-Ġermanja spjegat li jeżistu alternattivi aħjar għall-implimentazzjoni ta' żewġ miżuri li jippermettu l-kisba tal-ambizzjoni oriġinali ta' dawk il-miżuri. Il-miri 48A u 48B jiżdiedu mal-investiment 1.3.3 (Rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija) taħt il-komponent 1.3 (Rinnovazzjoni u kostruzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-klima). Id-dewmien relatat mal-implimentazzjoni ta' alternattiva aħjar jikkonċerna l-miri 109 u 110 tar-riforma 6.1.1 tal-ekosistema tal-identità Ewropea taħt il-komponent 6.1. (Amministrazzjoni pubblika moderna). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-miri ġodda 48A u 48B jiżdiedu u li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni għall-miri 109 u 110 jiġu estiżi. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (10) Il-Ġermanja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb parzjalment minħabba li bla mistenni xi wħud mill-kuntratturi ma kinux f'pożizzjoni li jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Dan jikkonċerna l-mira 43 tal-investiment 1.3.1 (Programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' settur tal-kostruzzjoni bl-injam li ma jagħmilx ħsara lill-klima). Abbażi ta' dan, il-Ġermanja talbet li l-mira 43 titnaqqas. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (11) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Ġermanja jiġġustifikaw l-emenda skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (12) Id-distribuzzjoni tal-oġġettivi intermedji u l-miri fi ħlasijiet parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-allokazzjoni l-għdida, l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Ġermanja.

Korrezzjoni ta' żbalji klerikali

- (13) Ġew identifikati 21 żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw 30 stadju importanti/mira u 21 miżura ta' 9 komponenti. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ppreżentat lill-Kummissjoni fit-28 ta' April 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Ġermanja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati ma': il-mira 2 ta' investiment 1.1.1 (Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs); il-miri 8, 9 u 10 tal-investiment 1.1.2 (Programm ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija); il-miri 11 u 13 tal-investiment 1.1.3 (Skema pilota għal kuntratti ta' azzjoni klimatika bbażati fuq il-prinċipju tal-Kuntratti għad-Differenza għall-Karbonju); il-mira 15 tal-investiment 1.1.4 (Riċerka dwar il-protezzjoni tal-klima relatata mal-proġett); il-miri 17, 18 u 20 tal-investiment 1.1.5 (Proġetti ewlenin għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu) kif ukoll il-mira 21c tal-investiment 1.1.6 (Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana) taħt il-komponent 1.1 (Dekarbonizzazzjoni bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari); il-mira 23 tal-investiment 1.2.1 (Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar) il-miri 29, 30 u 30A tal-investiment 1.2.3 (Appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta privata) taħt il-komponent 1.2. (Mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima); l-istadju importanti 56 tal-investiment 2.1.3 (IPCEI, Infrastruttura u Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI CIS)) taħt il-komponent 2.1 (*Data* bħala l-materja prima tal-futur); il-miri 66 u 69 tal-investiment 2.2.3 (Ċentru tar-Riċerka dwar id-Diġitalizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-Bundeswehr) taħt il-komponent 2.2 (Diġitalizzazzjoni tal-ekonomija) kif ukoll l-istadji importanti 70, 71, 72 u 72A tal-investiment 2.2.4 (Promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji billi jiġu sostitwiti l-programmi konvenzjonali ta' interlocking/rapidi biex titħaffef l-introduzzjoni tad-"Digital Rail Germany" (SLP)) taħt il-komponent 2.2 (Diġitalizzazzjoni tal-ekonomija);

il-mira 77 tal-investment 3.1.2 (Pjattaforma tal-edukazzjoni) u l-mira 80 tal-investment 3.1.3 (Ċentri edukattivi ta' eċċellenza) taħt il-komponent 3.1 (Diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni); il-miri 87 u 88 tal-investment 4.1.1 (Programm ta' investment "Kura tat-tfal — finanzjament 2020/21") u l-istadju importanti 97 tar-riforma 4.1.5 (Ħarsa ġenerali lejn il-pensjonijiet diġitali) tal-komponent 4.1 (Tisħiħ tal-inklużjoni soċjali); u l-mira 106 tal-investment 5.1.3 (Programm speċjali biex jiġu aċċellerati r-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċin meħtieġ b'mod urġenti kontra s-SARS-COV-2) taħt il-komponent 5.1 (Tisħiħ ta' sistema tal-kura tas-saħħa reżiljenti għall-pandemiji) kif ukoll il-mira 117 tar-riforma 6.2.1 (Programm konġunt tal-gvern federali u l-Länder għal amministrazzjoni effiċjenti li tibbenefika liċ-ċittadini u lin-negozji) taħt il-komponent 6.2 (Tnaqqis tal-ostakli għall-investment). Barra minn hekk, l-iżbalji klerikali huma relatati ma': id-deskrizzjoni tal-investment 1.1.1 (Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs) u d-deskrizzjoni tal-investment 1.1.3 (Skema pilota għall-kuntratti ta' azzjoni klimatika bbażata fuq il-prinċipju tal-Kuntratti għad-Differenza għall-Karbonju) taħt il-komponent 1.1 (Dekarbonizzazzjoni bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari); id-deskrizzjoni tal-investment 1.2.3 (Appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta privata) tal-komponent 1.2 (Mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima); id-deskrizzjoni tal-investment 1.3.1 (Programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' kostruzzjoni bl-injam li ma tagħmilx ħsara lill-klima) taħt il-komponent 1.3 (Rinnovazzjoni u kostruzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-klima); id-deskrizzjoni tal-investment 2.1.2 (IPCEI Microelectronics and Communication Technologies) kif ukoll id-deskrizzjoni tal-investment 2.1.3 (IPCEI, Infrastruttura u Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI CIS)) taħt il-komponent 2.1 (*Data* bħala l-materja prima tal-futur); id-deskrizzjoni tal-investment 2.2.4 (Promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji billi jiġu sostitwiti programmi konvenzjonali interkonnessi/rapidi biex titħaffef l-introduzzjoni tad-"Digital Rail Germany" (SLP)) taħt il-komponent 2.2 (Diġitalizzazzjoni tal-ekonomija) u d-deskrizzjoni tal-investment 3.1.1 (Programm għall-apparat tal-għalliema) taħt il-komponent 3.1 (Diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni); u d-deskrizzjoni tar-riforma 4.1.4 (Appoġġ għall-edukazzjoni għall-istudenti li waqgħu lura fit-tagħlim) tal-komponent 4.1 (Tisħiħ tal-inklużjoni soċjali). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-kapitolu REPowerEU bbażat fuq l-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241

- (14) Il-kapitolu REPowerEU jinkludi żewġ riformi ġodda u żewġ investimenti ġodda. Ir-riformi tal-“Att dwar l-Enerġija mir-Riħ fuq l-Art” u tal-“Att dwar l-Enerġija mir-Riħ lil hinn mill-Kosta” jikkontribwixxu għall-espansjoni tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli billi jtejbu u jissimplifikaw il-proċeduri regolatorji. L-investment fi programm ta’ appoġġ għal vetturi tat-trasport ħfief u tqal b’emissjonijiet zero u infrastruttura assoċjata jippromwovi l-akkwist ta’ vetturi kummerċjali li ma jagħmlux ħsara lill-klima u l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa għar-riforniment tal-fjuwil u tal-iċċarġjar. Fl-aħħar, l-investment fi pjattaforma diġitali biex jitħaffu l-ippjanar u l-approvazzjoni jikkonċentra fuq it-tħaffif tal-proċessi ta’ ppjanar u approvazzjoni għal proġetti ta’ infrastruttura tal-idroġenu u l-użu ta’ pjattaformi diġitali biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi. B’kollox, dawn il-miżuri skont il-kapitolu REPowerEU huma mfassla biex itejbu l-infrastruttura tal-enerġija u jissodisfaw il-ħtiġijiet immedjati tas-sigurtà jew tal-provvista. L-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija mir-riħ u tal-idroġenu mhux biss jappoġġaw id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija iżda jsaħħu wkoll ir-reżiljenza u l-affidabbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-Ġermanja. L-istabbiliment ta’ provvista tal-enerġija diversa, affidabbli u rinnovabbli se jwassal għall-istabbilizzazzjoni tal-kostijiet tal-enerġija, u b’hekk jagħti vantaġġi kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-produtturi fl-ekonomija kollha. Meta jitqies li l-gruppi vulnerabbli għandhom it-tendenza jallokaw sehem akbar mill-introjtu tagħhom lejn komoditajiet essenzjali bħall-enerġija, kwalunkwe żieda fil-prezzijiet tħalli impatt sproporzjonat fuq daww il-gruppi. Għalhekk, dawn ir-riformi u l-investimenti jistgħu jgħinu biex itaffu l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tal-enerġija, u b’hekk jagħtu benefiċċji sostanzjali lill-komunitajiet l-aktar vulnerabbli. Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll miżuri fuq skala akbar li jaffettwaw il-miżura 1.3.3 (Rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija) taħt il-komponent 1.3 (Rinnovazzjoni u kostruzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-klima).

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (15) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u mal-Anness V, il-kriterju 2.1 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.
- (17) L-RRP oriġinali ppreżenta rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk ikkontribwixxa għas-sitt pilastri kollha msemmijin fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li qies l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja tal-Ġermanja.

- (18) Il-Kummissjoni tqis li l-emenda tal-RRP, inkluż mal-kapitolu REPowerEU, għandha impatt sinifikanti fuq il-valutazzjoni tal-kontribut tal-RRP għall-ewwel pilastru dwar it-tranżizzjoni ekoloġika, fejn il-kontribuzzjoni qed tiżdied b'mod konsiderevoli. B'mod partikolari, ir-riformi proposti jżidu s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija Ġermaniża, u l-investimenti jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bini, jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u jiffaċilitaw il-proċeduri ta' approvazzjoni għal grilja ewlenija tal-idroġenu. L-allokazzjoni għan-nefqa diġitali qed titnaqqas marġinalment. Għall-pilastri l-oħra, in-natura u l-firxa tal-emendi proposti għall-RRP ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-RRP, billi jirrappreżentaw fil-biċċa l-kbira rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u lanqas ma għandhom impatt fuq il-kontribut xieraq tal-RRP għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.

Indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom, identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, mistenni jikkontribwixxi għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lill-Ġermanja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, l-RRP emendat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija tal-2022 u tal-2023.

- (20) B'mod partikolari, l-RRP emendat inkluż, il-Kapitolu REPowerEU jgħid li l-valutazzjoni kumplessiva r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija tal-2022 u l-2023 adottati formalment mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-RRP emendat mill-Kummissjoni.
- (21) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-RRP emendat, il-Kummissjoni ssib li nkiseb progress sostanzjali fir-rigward tat-tielet sentenza tar-rakkomandazzjoni 2 tal-2019 dwar it-tisħiħ tal-kundizzjonijiet li jappoġġaw tkabbir oġġettiv fil-paġi.
- (22) Il-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Ġermanja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Dawk ir-riformi u investimenti jikkontribwixxu, b'mod partikolari, biex jitnaqqsu l-ostakli għall-investiment u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll biex jitħaffu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Jikkontribwixxi wkoll biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-edukazzjoni, il-partekipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-tassazzjoni fuq ix-xogħol u l-politika soċjali. Billi jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, l-RRP emendat huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi, kif identifikat fir-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019, fl-2020, fl-2022 u fl-2023, li l-Ġermanja qed tesperjenza, b'mod partikolari fir-rigward tas-surplus kbir persistenti fil-kont kurrenti, li jirrifletti wkoll investiment imraġġan meta mqabbel mat-tfaddil.

Il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”

- (23) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u l-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta’ riformi u ta’ proġetti tal-investimenti inklużi f’dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fit-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (24) L-emendi proposti għall-RRP, bil-modifika tal-miżuri eżistenti jew l-introduzzjoni ta’ miżuri ġodda, ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP oriġinali fir-rigward ta’ dan il-kriterju ta’ valutazzjoni. Fir-rigward tar-riformi u l-investimenti l-ġodda introdotti fil-kapitolu REPowerEU, il-Ġermanja pprovdiet valutazzjoni sistematika ta’ kull miżura skont il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” f’konformità mal-gwida teknika prevista fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolata “Gwida tekniki dwar l-applikazzjoni ta’ “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Resiljenza”⁷. Jista’ jiġi konkluż -mill-informazzjoni pprovduta li l-RRF emendat huwa mistenni li jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta’ qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

⁷ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

Kontribuzzjoni għall-oġettivi ta' REPowerEU

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(da) u mal-kriterju 2.12 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (26) Il-Kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi b'mod effettiv biex tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika fil-bini, jiżdied l-użu tal-idroġenu rinnovabbli jew mingħajr fjuwils fossili, u jiġi aċċellerat l-użu tal-enerġija rinnovabbli f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (27) Barra minn hekk, il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi għall-inċentivar tat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika, permezz tal-investiment estiż ippjanat fir-rinnovazzjoni tal-bini (il-miżura 7.1.1), f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (28) Il-Kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi wkoll għall-indirizzar tal-ostakli interni u transfruntiera tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-enerġija, għall-aċċellerazzjoni tal-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u għall-appoġġ tat-trasport b'emissjonijiet zero u l-infrastruttura għalih, permezz tar-riformi ppjanati fl-enerġija mir-riħ fuq l-art u lil hinn mill-kosta (il-miżuri 7.1.4 u 7.1.5) u l-investiment ippjanat fi programm ta' appoġġ għat-trasport ħafif u tqil b'emissjonijiet zero (il-miżura 7.1.2), f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (29) Il-Kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tal-oġġettivi ta' hawn fuq billi jnaqqas l-ostakli fl-ippjanar u l-għoti ta' permessi għall-proġetti infrastrutturali tal-enerġija, b'mod partikolari l-idroġenu, permezz tal-investiment ippjanat fi pjattaforma għall-permessi diġitali (il-miżura 7.1.3), f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punt (f) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (30) Għalhekk, il-miżuri fil-kapitolu dwar REPowerEU huma konsistenti mal-isforzi tal-Ġermanja biex tilħaq l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. B'mod partikolari, dawk il-miżuri jagħmlu kontributi sinifikanti biex tiġi indirizzata t-trażmissjoni tal-enerġija interna u transfruntiera, tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika fil-bini, jiġi promoss l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u l-ġenerazzjoni u jiġi promoss l-użu ta' enerġija rinnovabbli oħra u t-trasport b'emissjonijiet żero.
- (31) Il-miżuri fil-Kapitolu tar-REPowerEU huma konsistenti wkoll mal-RRP oriġinali billi l-miżuri tar-REPowerEU jibnu fuq ir-riformi u l-investimenti fl-RRP oriġinali, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-infrastruttura tal-idroġenu u t-trasport sostenibbli.

Miżuri b'dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (32) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-kriterju 2.13 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) ikollhom dimensiuni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.

- (33) Skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2021/241 emendat, il-miżura 7.1.1 estiża (Rinnovazzjoni tal-bini: il-finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija) u l-Miżura 7.1.3 (Pjattaforma diġitali biex jitħaffu l-ippjanar u l-approvazzjoni), u għalhekk 100 % tal-kostijiet stmati tagħhom, għandhom dimensjoni jew effett bejn il-pajjiżi jew bejn diversi pajjiżi. Impatt transfruntier dirett huwa wkoll antiċipat bir-riforma tal-Att dwar l-Enerġija mir-Riħ fuq l-Art (il-miżura 7.1.4) u l-Att dwar l-Enerġija mir-Riħ lil hinn mill-Kosta (il-miżura 7.1.5). Dawk il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija (il-miżura 7.1.1). B'riżultat ta' dan, il-miżuri, u konsegwentement, il-kapitolu REPowerEU kollu kemm hu, jitqiesu li għandhom effett transfruntier pożittiv, kif stabbilit fil-gwida tal-Kummissjoni fil-kuntest tar-REPowerEU. Kważi l-miżuri kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-domanda u tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. L-istima tal-kostijiet tal-miżuri inkluża fil-kapitolu REPowerEU li għandha dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali tirrappreżenta 89,6 % tal-kostijiet totali stmati tal-kapitolu REPowerEU.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (34) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 49,5 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP (inkluż REPowerEU). Il-kostijiet totali stmati tal-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal 48,7 % tal-kapitolu REPowerEU. Dawk l-ishma ġew ikkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat, li jinkludi l-kapitolu REPowerEU, huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-Ġermanja għall-2021 sal-2030.

- (35) Il-pjan RRP emendat iżid b'mod ġenerali l-ambizzjoni tal-pjan RRP oriġinali fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika. L-inklużjoni ta' fergħa ta' finanzjament addizzjonali għall-miżura 1.3.3 (Rinnovazzjoni tal-bini: il-finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija) u l-espansjoni tiegħu fil-kapitolu REPowerEU, flimkien maż-żieda ta' żewġ riformi ġodda tas-7.1.4 (l-Att dwar l-Enerġija mir-Riħ fuq l-Art) u tas-7.1.5 (l-Att dwar l-Enerġija mir-Riħ lil hinn mill-Kosta) jsaħħu b'mod sinifikanti l-ambizzjoni tal-Ġermanja fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni tal-bini u fl-użu tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, miżuri oħra bħall-promozzjoni tat-trasport bit-triq b'emissjonijiet żero (investiment 7.1.2) u l-faċilitazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura tal-idroġenu ppjanati biex tinkiseb in-newtralità netta tal-gassijiet serra permezz ta' pjattaforma diġitali għall-għoti ta' permessi iżidu l-kontribut tagħha għall-isforzi tal-Ġermanja lejn it-trasport sostenibbli u l-infrastruttura tagħha, kif ukoll it-tħaffif tal-approvazzjoni ta' proġetti infrastrutturali tal-idroġenu. Il-miżuri fil-Kapitolu tar-REPowerEU jirrinforza l-elementi ekoloġiċi tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-pjan RRF oriġinali. Pereżempju, il-proġetti infrastrutturali tal-idroġenu tal-RRP oriġinali (il-komponent 1.1) jistgħu jiġu aċċellerati permezz tal-pjattaforma tal-permessi diġitali miżjuda permezz tal-kapitolu REPowerEU.

- (36) Il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU jżidu b'mod sinifikanti l-kontribut tal-RRP għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità. Il-miżuri appoġġati huma mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sustanzi niġġiesa fis-setturi tal-enerġija, tat-trasport u tal-bini. Fis-settur tal-enerġija, l-iffaċilitar tal-applikazzjoni u l-approvazzjoni għal proġetti ta' infrastruttura tal-idroġenu, kif ukoll riformi leġiżlattivi li jneħħu l-ostakli għat-tranżizzjoni tas-settur billi jissimplifikaw il-proċessi tal-ġoti tal-permessi tal-Att dwar l-Enerġija mir-Riħ lil hinn mill-Kosta u l-Att dwar l-Enerġija mir-Riħ fuq l-Art, jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija għall-2030, u l-mira klimatika għall-2050. L-introduzzjoni aktar rapida tal-infrastruttura tal-idroġenu tippermetti għal progress lejn it-tranżizzjoni ekoloġika fis-setturi tat-trasport u industrijali. Fis-settur tat-trasport, il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tal-flotta kummerċjali. Fl-aħħar nett, fis-settur tal-bini, il-miżuri ta' rinnovazzjoni fuq bini residenzjali u l-installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin rinnovabbli se jippermettu għad-diversifikazzjoni lejn sorsi tal-enerġija aktar sostenibbli u tnaqqis fil-konsum tal-enerġija. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri huma mistennija jkollhom kobenefiċċji għall-bijodiversità permezz tal-effett mistenni tagħhom fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.
- (37) Il-miżuri dwar l-idroġenu sostenibbli juru li r-riformi u l-investimenti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika huma fil-biċċa l-kbira komplementari u jenħtieġ li jaħdmu flimkien ma' riformi importanti fil-livell nazzjonali fil-Ġermanja, bħall-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu. Każijiet oħra jinkludu d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, bl-għan li tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, iż-żieda fil-provvista tal-enerġija mir-riħ biex tgħin fit-tnaqqis tal-prezzijiet tal-elettriku, u l-programm għal bini effiċjenti biex jikkontribwixxi għas-solidità ambjentali, li kollha kemm huma jallinjaw mal-oġettivi ta' politika ġenerali delineati fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima. Il-miżura ta' rinnovazzjoni tal-bini fuq skala akbar tikkontribwixxi wkoll għall-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tal-Ġermanja.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 47,6 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (39) L-emendi proposti għall-RRP oriġinali wasslu għal tnaqqis żgħir fil-perċentwal tal-allokazzjoni totali tal-RRP li tappoġġa l-oġettivi diġitali, minn 48,1 % għal 47,5 %, minħabba t-tnaqqis fl-allokazzjoni totali biex jiġu appoġġati l-apprendisti (il-miżura 4.1.3). Il-RRP rivedut ikompli jindirizza d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-edukazzjoni, it-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa u l-isptarijiet, żewġ IPCEIs dwar l-infrastruttura tal-cloud u l-mikroċipep, u t-tranżizzjoni diġitali tal-industrija awtomobilistika.
- (40) Il-Kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni diġitali u għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw billi jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika fil-qasam tal-ippjanar u l-approvazzjoni tal-infrastruttura. F'konformità mal-Artikolu 21c(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, ir-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU ma għandhomx jitqiesu meta tiġi kkalkulata l-allokazzjoni totali tal-RRP għall-fini tal-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-mira diġitali stabbilit minn dak ir-Regolament.

Impatt dejjiemi

- (41) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni li fil-biċċa l-kbira jkollu impatt dejjiemi fuq il-Ġermanja (Klassifikazzjoni A).
- (42) Il-RRP emendat ma jnaqqasx l-ambizzjoni tal-RRP oriġinali kollu kemm hu. Dan iqis is-sitwazzjoni ekonomika matul il-kriżi tal-COVID-19, it-tfixkil fil-katina tal-provvista, l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll xi diffikultajiet legali u tekniċi mhux mistennija u d-disponibbiltà ta' alternattivi aħjar għall-implimentazzjoni ta' xi miżuri. Dan jinkludi wkoll miżura addizzjonali għall-RRP, u kapitolu REPowerEU ġdid li, minbarra l-miżuri eżistenti, huwa mistenni wkoll ikollu effetti pożittivi dejjiema fuq l-ekonomija Ġermaniża u jkompli jagħti spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika tagħha. B'mod partikolari, il-miżuri addizzjonali huma mistennija jkollhom impatt dejjiemi fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika, b'żidiet dejjiema fl-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini, stokk ta' vetturi aktar favur il-klima u varar iffaċilitat tal-ġenerazzjoni tal-enerġija bbażata fuq sorsi rinnovabbli kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (43) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP emendat inkluż il-kapitolu REPowerEU, huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.

- (44) L-arranġamenti proposti għall-RRP oriġinali jibqgħu fis-seħħ u l-valutazzjoni pożittiva preċedenti ma ġietx affettwata. Il-korp ta' koordinazzjoni fil-Ministeru Federali tal-Finanzi u l-ministeri kompetenti huma responsabbli għall-implimentazzjoni effettiva tal-RRP. Id-diversi arranġamenti stabbiliti biex ifasslu, jinnegozjaw u jiżguraw l-implimentazzjoni effiċjenti u regolari tal-RRP huma kredibbli f'termini tal-mandat legali u l-kapaċità amministrattiva. L-istadji importanti u l-miri tal-RRP jikkostitwixxu sistema xierqa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRP. L-istadji importanti u l-miri huma ċari u realistiċi, u l-indikaturi għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għall-miżuri li diġà tlestew u li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-mekkaniżmi ta' verifika, il-ġbir tad-*data* u r-responsabbiltajiet deskritti mill-awtoritajiet Ġermaniżi jidhru robusti biżżejjed biex jiġġustifikaw it-talbiet għal żborż b'mod adegwat mal-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri.

Kalkolu tal-kostijiet

- (45) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, dwar l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (46) L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta mill-Ġermanja għal miżuri 1.3.3 (Rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija) u 4.1.3 (Appoġġ għall-apprendistat) u għall-miżuri fil-kapitolu REPowerEU, ma taffettwax il-klassifikazzjoni B tal-RRP oriġinali. Il-Ġermanja pprovdiet informazzjoni dettaljata għall-investiment fuq skala akbar u għall-miżura b'kostijiet imnaqqsa, kif ukoll għat-tliet investimenti fil-kapitolu REPowerEU. Il-kostijiet stmati ta' dawg l-investimenti huma konformi man-natura u t-tip tagħhom, u huma akkumpanjati minn evidenza u analiżi tal-kostijiet rilevanti. Il-kostijiet tal-miżura fuq skala akbar relatata mar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, tal-miżura relatata ma' pjattaforma tal-idroġenu bbażata fuq l-IA u tal-miżura relatata ma' vetturi heavy-duty huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli, u ma jinkludux kostijiet koperti minn finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat ieħor. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Koerenza tal-RRP

- (47) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-RRP emendat inklud il-kapitolu REPowerEU jinkludi fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

- (48) Il-Ġermanja pproponiet emendi għal tliet komponenti u ż-żieda ta' komponent ġdid (7.1), il-komponent REPowerEU. L-emendi li saru fil-komponenti eżistenti ma jbidlux il-koerenza ġenerali tal-RRP, filwaqt li jitqies il-mod kif il-komponenti jsaħħu lil xulxin u jikkomplimentaw lil xulxin. Il-komponent addizzjonali relatat mal-oġettivi tar-REPowerEU jżid mal-koerenza ġenerali tal-RRP, peress li jinkludi miżuri biex ikompli jissaħħaħ it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex jiġi promoss l-użu tal-enerġija rinnovabbli, li huwa partikolarment importanti fil-kuntest tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. L-emendi jsaħħu lil xulxin u jikkomplementaw lil xulxin b'mod reċiproku.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (49) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mill-Ġermanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 fir-rigward tar-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (c) u (i).

Proċess ta' konsultazzjoni

- (50) Bi tħejjija għall-kapitolu REPowerEU, l-awtoritajiet Ġermaniżi jindikaw li saru konsultazzjonijiet mal-Länder, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tal-benesseri u l-assoċjazzjonijiet ambjentali, kif ukoll matul diskussjoni konġunta mas-sħab soċjali u l-assoċjazzjonijiet ambjentali. Wara, l-awtoritajiet integraw il-feedback mill-proċess ta' konsultazzjoni fl-abbozz tal-kapitolu tar-REPowerEU. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha inkwistjoni, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU.

Valutazzjoni pożittiva

- (51) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP emendat inkluż, il-kapitolu REPowerEU, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (52) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Ġermanja, inkluż il-kapitolu REPowerEU, huwa ta' EUR 32 344 275 666. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, huwa oġġett mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Ġermanja, il-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP emendat tal-Ġermanja, inkluż il-kapitolu REPowerEU jenħtieġ li tkun uguali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP emendat tal-Ġermanja, inkluż il-kapitolu REPowerEU. Dan l-ammont huwa ta' EUR 28 018 501 973.

- (53) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-30 ta' April 2024 il-Ġermanja ressqet talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija fl-Anness IVa ta' dak ir-Regolament. Il-kostijiet totali stmati tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f) inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU huma ta' EUR 2 444 838 075. Peress li dan l-ammont huwa oġġla mis-sehem tal-allokazzjoni disponibbli għall-Ġermanja, l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għall-Ġermanja jenħtieġ li jkun ugwali għas-sehem tal-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 2 086 423 922.
- (54) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755⁸, fis-27 ta' Frar 2023, il-Ġermanja ppreżentat talba motivata biex tittrasferixxi parti mill-allokazzjoni proviżorja tagħha li jifdal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, li tammonta għal EUR 219 739 187, għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dak l-ammont jenħtieġ li jsir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli.
- (55) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għall-Ġermanja jenħtieġ li tkun ta' EUR 30 324 665 082.
- (56) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Ġermanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni ttipprovdi aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ġermanja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 30 324 665 082*. Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 16 291 323 631, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;

- (b) ammont ta' EUR 11 727 178 342, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
 - (c) ammont ta' EUR 2 086 423 922**, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għar-riformi u l-investimenti li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f), ta' dak ir-Regolament;
 - (d) ammont ta' EUR 219 739 187, trasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Ġermanja f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 2 250 000 000 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

Il-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f'segment wieħed jew aktar. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.”,

* Dan l-ammont jikkorresponди għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Ġermanja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

** Dan l-ammont jikkorresponди għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Ġermanja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija msemmija fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament.”,

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni:

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
